HAL BALZAN

IT-TIENI SENA Nru. 7 LEHEN IL-KUNSILL ĊIVIKU SETTEMBRU/OTTUBRU 1972

SILTIET MILL-ISTORJA TA' HAL BALZAN

(7) IL-KNEJJES IŻ-ŻGHAR TA' HAL BALZAN

Minn Dun Ġwann Dimech

WARA LI TKELLIMNA DWAR IŻ-ŻEWĠ KNEJJES ZGHAR, DIK TA' L-ANNUNZJATA U DIK TA' SAN ANARD, DIN ID-DARBA JMISS LI NITKELLMU MILL - KNISJA TA' SANTU ROKKU, BIEX B'HEKK INKUNU SIRNA NAFU DWAR IL-GRUPP TAT-TLIET KNEJJES MIBNIJA ĦDEJN XULXIN LI GĦALIHOM HI MSEMMIJA WAĦDA MIT-TOROQ TA' ĦAL BALZAN — IRRID NGĦID "TRIQ IT-TLIET KNEJJES".

IL-KNISJA TA' S. ROKKU

Bħalma kważi għandek issib f'kull belt jew raħal ta' Malta knisja li hi ddedikata lil Santu Rokku, hekk ukoll issib waħda żgħira li hi mibnija f'ġieħ dan il-Qaddis f'Ħal Balzan. Anzi ngħid li n-nies ta' Ħal Balzan kienu minn ta' l-ewwel liħasbu biex jibnu din il-Knisja lil dan il-Qaddis. Weħedha toħroġ il-mistoqsija "Mela meta nbniet f'Ħal Balzan il-Knisja ta' Santu Rokku?"

META NBNIET DIN IL-KNISJA

Fil-ktieb ta' P.P. Castagna "L-Istorja ta' Malta bil-Gżejjer tagħha", insibu li: "F'din il-ħabta (bejn Ġunju tal-1592 u Settembru tal-1593) inbniet il-Knisja ta' Santu Rokku fil-Belt, f'Birkirkara, f'Ħaż-Żebbuġ u f'Ħal Balzan — intgħamlet il-wegħda tal-festa tiegħu kull sena — u bdiet issir il-Korsa kull nhar is-16 ta' Awissu"(1). Għal xi żmien din it-tiġrija kienet issir f'Tal-Pjetà, iżda meta beda jiżdied it-traffiku li jgħaddi minn Tal-Pjetà, din it-tiġrija bdiet issir ir-Rabat fejn ġa kienu jsiru t-tiġrijiet l-oħra: dik ta' l-Imnarja u dik ta' Santa Marija.

Fil-ktieb ta' Achille Ferris "Storia Ecclesiastica di Malta", kif ukoll fil-ktieb ta' Mons. Prof. Arturo Bonnici "History of the Church in Malta", insibu li kif spiċċat l-epidemja tal-pesta f'Malta, li kienet bdiet f'Ġunju tal-1592 u spiċċat f'Settembru tal-1593, u li fiha mietu mat-3,800 ruħ, saru funzjonijiet ta' radd il-ħajr. Ir-Relikwija tal-Vero Ligno (Tas-Salib Imqaddes), id-Driegħ ta' San Ġwann il-Battista u Relikwi oħra magħrufa li kellu l-Ordni, ġew esposti għall-qima tal-poplu kif ukoll ħarġu bihom f'purċissjonijiet fil-bliet u l-irħula. Kien f'dan iż-żmien (1593) li ġew mibnija f'Malta l-ewwel knejjes iddedikati lil Santu Rokku, bħalma huma dawk tal-Belt, ta' Birkirkara, ta' Ħaż-Żebbuġ u ta' Ħal Balzan.(2)

Fil-ktieb "L-Istorja ta' Birkirkara" ta' E. B. Vella, insibu miktub estratt mill-Viżta Pastorali li għamel l-Isqof Jacobus Canaves lill-Knisja ta' Santu Rokku ta' Birkirkara fl-1716, fejn ħalla dawn il-kelmiet: "Wara l-pesta komplew il-wegħda li kienu għamlu fin-niket u waqqfu fir-raħal tagħhom knisja żgħira għall-ġieħ ta' Santu Rokku, il-protettur ta' l-impestati".(3)

Nagħtu ħarsa lejn Ħal Balzan fi żmien il-pesta li qed nitkellmu fuqha.

In-nies ta' Ħal Balzan fis-sena li fiha bdiet il-pesta, jiġifieri fl-1592, kienu jgħoddu mat-300 ruħ u kienu joqogħdu f'60 dar. Meta n-nies ta' dan ir-raħal raw li din l-epidemja hekk kiefra kienet qed tixtered mal-gżira kollha, ma qagħdux lura li ma jitolbux bil-ħerqa kollha lill-qaddis li kienu jafu li hu l-protettur ta' l-impestati, lil Santu Rokku, biex ikun hu li jeħlishom minn dik il-marda hekk kiefra u qalila li kif kienu jafu f'dawk il-ġranet kienet qed twassal lejn il-qabar mijiet ta' nies. Il-Balzanin, bħal bosta nies twajba, kienu jemmnu bil-wegħdi, u għamlu huma wkoll wegħda bħan-nies ta' Birkirkara li, jekk jiġu meħlusin mill-flaġell tal-pesta, jibnu knisja f'ġieħ Santu Rokku. It-talba tan-nies ta' Ħal Balzan ġiet mismugħa u għalhekk kien baqa' li jwettquha. U għalhekk in-nies ta' dan ir-raħal, bla ma qagħdu jitnikkru, ħasbu jibnu l-Knisja lil Santu Rokku. Dan nafuh ċar mir-relazzjonijiet tal-Viżti Pastorali li saru lil din il-Knisja, kif ukoll mill-kitba minquxa li tidher ma' waħda mill-ħnejjiet tal-knisja.

Fir-relazzjoni tal-Viżta Pastorali li Mons. Isqof Tumas Gargallo għamel lill-Knisja tagħna ta' Santu Rokku nhar l-4 ta' Diċembru 1601, insibu miktub dawn il-kelmiet: "Din il-Knisja għadha kemm inbniet fi żmien il-pesta bi flus in-nies ta' dan ir-raħal."(4)

L-istess ħaġa ħalla miktub it-tieni Isqof li żar lil din il-Knisja, Mons. Balthassar Cagliares, nhar it-28 ta' Novembru 1615. Araw x'qal: "Hawn kappella li għadha kemm inbniet f'ġieħ Santu Rokku."(5)

Fl-aħħarnett, tkompli ssaħħaħ it-tagħrif l-iskrizzjoni li hemm minquxa fis-saqaf tal-Knisja, li tgħid: "M.S.S. Hoc opus fecit 1593".

FEJN HI MIBNIJA DIN IL-KNISJA

Minn dak li ġa għedna, nafu li din il-Knisja hija l-aħħar waħda li nbniet biex tgħaqqad il-grupp tat-Tliet Knejjes. Għaliex nafu li l-ewwel knisja ta' dan il-grupp kienet dik ta' l-Annunzjata, li nbniet fis-seklu sittax. Warajha, fiċ-ċimiterju ta' l-Annunzjata, inbniet il-Knisja ta' San Aanrd, u issa fl-istess ċimiterju għandna l-Knisja ta' Santu Rokku. Dan nafuh mill-Vigarju Ġenerali Monsinjur Pietru Franġisku Pontremoli, fir-relazzjoni tal-Viżta li għamel lil Ħal Balzan, nhar it-8 ta' Ottubru 1634.(6)

IL-KNISJA MINN BARRA U MINN GEWWA

Minn dak li jidher bl-għajnejn u minn dak li sirna nafu mill-Viżti Pastorali u minn Kotba fl-Arkivju Parrokkjali li jittrattaw dwar din il-Knisja, jidher li ftit jew xejn sarulha alterazzjonijiet fil-kostruzzjoni tagħha.

Naraw l-ewwel x'qalu l-Isqfijiet fil-Viżti Pastorali tagħhom dwar din il-Knisja.

L-Isqof Michael Joannes Balaguer Camarasa, fil-Viżta tas-6 ta' Marzu 1646, igħidilna li l-bieb ta' din il-Knisja jħares lejn it-Tramuntana. Jgħidilna li din il-Knisja fiha żewġ twieqi, waħda f'kull ġenb: waħda tħares lejn il-Punent u l-oħra lejn il-Lvant.(7)

Nistgħu ngħidu li l-faċċata ta' din il-Knisja hija l-aktar waħda li fiha gwarniċi ornamentali. Naraw li ċ-ċinta tal-faċċata tispiċċa bi gwarniċa. Fuq dan il-gwarniċ fin-nofs tal-faċċata jidher salib tal-ġebel fuq pedistall. Fin-nofs tal-faċċata hemm tieqa tonda tal-ġebel imdawra bi gwarniċ u f'nofsha hemm disinn ta' l-istess ġebel magħmul b'mod li tidħol l-arja u d-dawl u fl-istess ħin ma jista' jgħaddi ħadd. Fuq barra ta' din it-tieqa hemm gwarniċ kwadru, u n-naħa ta' fuq hemm imqiegħed b'forma ta' trianglu gwarniċ ieħor tal-ġebel li fil-vojt tiegħu hemm warda tal-ġebel ukoll.

Il-bieb hu wkoll imdawwar bi gwarniċa tal-ġebel u fuq il-fuqani tal-bieb insibu tesporġi gwarniċa ftit jew xejn wiesgħa.

Fil-ġnub tal-Knisja nosservaw tlett imwieżeb li jesporġu sewwa 'l barra fuq kull naħa. Nosservaw ukoll ir-rużuni fil-ġnub tal-Knisja li kienu jservu biex fuqhom jirpużaw l-arbli tal-bnadar li kienu jiġu mtellgħin nhar il-festi ta' Santu Rokku, ta' San Bastjan, ta' San Pawl, nhar il-Lunzjata, u nhar festi oħra. Fuq kull ġenb, kif ġa għedna, hemm tieqa.



Il-Knisja ta' Santu Rokku

Dawn it-twieqi huma miżmumin fuq l-istess stil tal-bieb: għandhom gwarniċ mad-dawra, gwarniċa oħra aktar wiesgħa 'l fuq mit-tieqa, u ħoġor li jesporġi aktar 'il barra. U la qed insemmu t-twieqi, nafu li meta l-Isqof Vincenzo Labini għamel il-Viżta tiegħu lil din il-Knisja, nhar l-4 ta' Ġunju 1783, osserva

(jissokta f'paġna 2)

GĦAT-TFAL — KOMPETIZZJONI BI PREMJU TA' NOFS LIRA

(Araw Paġna 3)

MINI MARKET

SELF SERVICE

63, ST. FRANCIS STR.,

BALZAN

YOU WILL FIND EVERYTHING FOR YOUR NEEDS AND CONVENIENCE

FREE DELIVERY Tel. 44633

EDITORJAL

GHALAQNA SENA

Kien sewwasew bħal dan iż-żmien sena li l-gazzetta tagħna "Ħal Balzan" rat id-dawl għall-ewwel darba. Illum, bil-għajnuna ta' Alla, bil-ħidma tal-membri tal-Kunsill Ċiviku, u bil-k o o p e r a z z j o n i tal-Balzanin kollha, għandkom f'idejkom is-seba' għadd ta' dan il-ġurnal li, għalkemm ta' ftit paġni u li joħroġ biss darba kull xahrejn, mela vojt kbir fil-ħajja soċjali u kulturali tar-raħal maħbub tagħna.

Illum, li tistampa gazzetta tat-tip tagħna mhix xi ħaġa ħafifa, l-aktar meta żżomm quddiem għajnejk l-ispejjeż għoljin ta' l-istampa u l-fatt li l-gazzetta titqassam b'xejn. Id-diffikultajiet finanzjarji mhumiex dawk waħdanin. Barra x-xogħol ordinarju ta' kull ġurnal — jiġifieri l-korrezzjoni ta' l-iżbalji ortografiċi u t-tqassim tal-materjal b'mod attrajenti u li jogħġob — kellna biċċa ksur ir-ras oħra meta niġu biex inqassmu l-gazzetta fid-djar kollha tal-parroċċa. Aħna għamilna ħilitna sabiex il-gazzetta titqassam b'mod effiċjenti u li bih nilħqu l-parruċċani kollha. Ta' dan, aħna niżżuħajr lil dawk kollha li offrew is-servizz tagħhom għal dan ix-xogħol.

Minkejja dawn il-problemi, ma rridukomx taħsbu li tul din is-sena ma kellniex ħlief xewk. Ward kellna wkoll, u ħafna! Xejn ma kien iferraħna aktar minn meta niltaqgħu ma' nies li jistaqsuna kollhom ħerqana dwar meta tkun ħierġa l-gazzetta, jew oħrajn li jitolbuna iżjed tagħrif dwar xi ħaġa li jkunu qraw fil-gazzetta. Nies bħal dawn iqawwulna qalbna u jimlewna kuraġġ sabiex negħelbu d-diffikultajiet kollha li niltaqgħu magħhom. Għax meta naraw l-interess inħossu li l-għan tal-gazzetta jkun qed jiġi milħuq.

Aħna żguri li n-nies ta' Ħal Balzan kollha saru jafu xi ftit aktar dwar ir-raħal tagħhom milli kienu jafu qabel; aħna żguri li s-sens ċiviku kiber fost il-poplu tagħna bis-saħħa ta' dil-gazzetta, u nittamaw li niesna saru jafu jgħożżu aktar il-qdumijiet u l-monumenti storiċi li ħallewlna missirijietna u bdew japprezzaw aktar l-indafa u l-kwiet li joffri dan ir-raħal arjuż. Għalhekk, meta nħarsu lura lejn is-sena li għaddiet u naraw il-kontribut li l-gazzetta tagħna taf lir-raħal inħossu ċertu sodisfazzjon li jġagħalna nagħmlu l-ħila tagħna kollha sabiex għas-snin li ġejjin nissuktaw fit-triq li qbadna.

L-aħħar kelma tagħna hija kelma ta' radd il-ħajr lil dawk kollha li, b'xi mod jew ieħor, taw sehemhom ħalli l-gazzetta tkun suċċess — membri tal-Kunsill Ċiviku, kittieba ta' artikoli, kontributuri ta' reklami u flus, u l-qarrejja tagħna kollha, li l-interess tagħhom għen mhux ftit il-ħidma tagħna sabiex inġibu 'l quddiem ir-raħal ta' Ħal Balzan.

Nota: L-artiklu miktub minn ANTON jidher f'ħarġa oħra minħabba nuqqas ta' wisgħa.

ITTRA MILL-AWSTRALJA

Qegħdin nippubblikaw ittra mibgħuta lilna mill-Awstralja minn sehibna u Balzani bħalna, is-Sur Nicholas Bonello J.P. Nixtiequ nroddu ħajr lis-Sur Bonello għal dawn il-kelmtejn sbieħ li jqawwu l-qalb li kitbilna, kif ukoll għax-xewqat sbieħ tiegħu u għall-kontribuzzjoni finanzjarja li baghtilna. Grazzi ħafna.

Fl-istess ħin inħeġġu wkoll lill-Balzanin kollha sabiex jibagħtu kopji tal-gazzetta lil qrabathom u 'l ħuthom imsefrin u b'hekk iżommuhom magħqudin fl-ispirtu mar-raħal fejn twieldu u trabbew. Min ikun irid iżjed minn kopja waħda, m'għandux jaraha bi tqila jitlob lill-persuna nkarigata mit-tqassim tal-gazzetta fit-triq konċernata.

Is-Segretarju.

"Ħuti Balzanin, insellmilkom mill-Awstralja.

Għalkemm f'dawn l-aħħar snin kelli x-xorti li nkun fostkom kemm-il darba, dan l-aħħar ħassejt tferfir ġo qalbi meta, kif ngħidu hawnhekk 'out of the blue', irċevejt ftit kopji tal-ġurnal "Ħal Balzan" li jiġi maħruġ mill-Kumitat Ċiviku u li oħti Rita għoġobha tibgħatli.

Għalkemm ġurnal żgħir, nista' nassigurakom li fih mediċina tajba għall-emigranti Balzanin li jinsabu mbiegħda minn raħalhom; u meta tara ritratti tat-tliet knejjes u postijiet oħra f'Ħal Balzan, u wkoll taqra artikli fuq il-post, allura ma jistax jonqos li tħossok qiegħed hemm.

Għall-patrijotti Balzanin, kemm imsefrin u mhumiex, is-serje ta' 'Siltiet mill-Istorja ta' Ħal Balzan' hija ta' interess kbir, u Dun Ġwann ħaqqu prosit tagħhom. Għoġbuni ħafna l-artikli ta' Anton; imma għalkemm semmejt dawn it-tnejn biss, nista' nassigurakom li l-ġurnali qrajthom mill-bidu sa l-aħħar.

Ġurnal bħal dan għandu jkollu l-għajnuna ta' kulħadd, u l-postijiet tan-negozju ta' Ħal Balzan jistgħu jgħinu billi f'kull ħarġa jkollhom reklam. Il-pubbliku Balzani għandu jaqra dan il-ġurnal u b'hekk ikun qed juri apprezzament lejn il-Kumitat Ċiviku u partikularment lejn l-editur.

Min-naħa tiegħi nixtieq nifraħ lis-sinjuri ta' dan il-Kumitat li ftit minnhom nafhom personali, fosthom il-Kappillan, Dun Ġwann, Valent Muscat, u Gwido Borg. Lill-oħrajn li ma nafhomx personali nifirħilhom ukoll u ngħidilhom li x-xogħol li qed jagħmlu għal Ħal Balzan huwa apprezzat."

Sydney, Lulju 1972
Nicholas Bonello J.P.

SILTIET MILL-ISTORJA TA' ĦAL BALZAN

(jaqbad minn paġna 1)

li t-tieqa tal-ġenb li tagħti għal fuq it-triq hi ftit baxxa u għalhekk talab li titgħolla.(8) Iżda meta dan l-istess Isqof reġa' għamel iż-żjara tiegħu lil din il-Knisja sentejn wara, ħalla miktub li t-tieqa ġiet imgħollija.(9)

Fin-naħa ta' wara tal-Knisja, naraw li l-Knisja tidjieq qisha kamra żgħira, u n-naħa ta' fuq insibu tieqa tonda li hi finta. Dan huwa l-post ta' l-apside ta' għamla rettangolari.

Nagħtu daqqa ta' għajn lil din il-Knisja minn ġewwa. Jekk din il-Knisja minn barra hi ddekorata bi gwarniċi, fuq ġewwa tagħha hu ddekorat bil-bosta aktar. Id-daqs, l-istil arkitettoniku u d-dekorazzjoni ta' din il-Knisja jirrenduha sabiħa ħafna u tgħaddi lill-Knejjes kollha ta' dan ir-raħal li tkellimna s'issa dwarhom.

Kif tidħol ġo din il-Knisja, għajnejk imorru dritt fuq il-faċċata fejn hemm l-apside. Fl-apside ta' din il-Kinsja ma nżammx l-istil ta' nofs tond li jispiċċa b'arzella, iżda l-apside ta' din il-Knisja huwa ta' għamla rettangolari mifrud mill-bqija tal-Knisja minn arkata, u l-art tagħha hi merfugħa b'għoli ta' tarġa. Insibu apside bħal din fil-Knisja ta' San Basilju fl-Imqabba u f'dik taċ-Ċappuna fil-Marsa.

Id-daqs ta' din il-Knisja huwa proporzjonat ħafna: 24 pied tul u 12-il pied wisgħa.

Iż-żewġ twieqi huma mdaqqsin. Fuq it-twieqi jibda gwarniċ wiesgħa u jibqa' sejjer tul iż-żewġ naħat tal-Knisja. Minn fuq dan il-gwarniċ jibdew il-ħnejjiet tas-saqaf li huma erbgħa.

Is-saqaf għandu forma ta' nofs tond. Minn ħnejja għall-oħra nsibu li s-saqaf hu ffurmat minn tlieta u sittin ġebla li għandha l-forma ta' gwarniċ rettangolari.(10) Dan is-saqaf, għad li hu żgħir, jixbah ħafna lis-saqaf tas-sagristija tal-Kattidral ta' l-Imdina.

L-apside rettangolari, għad li għandha xi gwarniċi wkoll, hi sempliċi ħafna.

Mal-ħajt ta' ħdejn il-bieb, in-naħa tal-lemin, hemm fonti ta' l-ilma mbierek li jidher li hu antik ukoll.

Il-paviment tal-Knisja hu magħmul minn għadd ta' ċangaturi ta' sittax-il pulzier kwadru. Taħt l-apside, il-paviment jogħla għoli ta' tarġa.(11)

Referenzi:

1. CASTAGNA P.P.: L-Istorja ta' Malta bil-Gżejjer tagħha, Vol. I p. 307.
2. FERRIS ACH.: Storia Eccles. di Malta, p. 210. BONNICI ART.: History of the Church in Malta, Vol. II p. 72.
3. VELLA E.B.: L-Istorja ta' Birkirkara p. 84.
4. GARGALLO T.: Visit. Past. fol. 223—Ark. Arċiv.
5. CAGLIARES B.: Visit. Past. fol. 87.—Ark. Arċiv.
6. PONTREMOLI P.F.: Visitatio fol. 145 — Ark. Arċiv.
7. Balaguer M. J.: Visit. Past. fol. 207 —Ark. Arċiv.
8. LABINI V.: Visit. Past. fol. 121—Ark.Arċiv.
9. Ibid. fol. 97.
10. BALAGUER M.J.: Visit. Past. fol. 207—Ark. Arċiv.
11. BALAGUER M.J.: Visit. Past. fol. 224—Ark. Arċiv.

Nixtri 'envelopes' qodma bil-bolli ta' Malta wżati fuqhom u anke bolli wżati ta' Malta.
Irrikorru għand:
Anthony Fenech
'Miele',
Annunciation Street
Balzan
Tel. 40705

IL-MARDA TAZ-ZOKKOR

mit-Tabib

Id-dijabete hija marda li fiha nsibu li l-livell taz-zokkor fid-demm huwa għoli aktar min-normal, u dan minħabba li l-ġisem ikun qed jipproduċi ftit jew xejn insulina.

F'ħafna mill-każijiet ta' dijabete wieħed ma jkunx jista' jsib il-kaġun tal-marda. F'dawn il-każijiet wieħed x'aktarx isib element ereditarju. Tmenin fil-mija tal-każijiet ta' dijabete jibdew isofru minn din il-marda meta jkunu waslu għall-ħamsin sena u fuqhom. Il-ħxuna u l-mard taz-zokkor sikwit imorru flimkien. L-infezzjonijiet kemm ukoll l-istress (fiżiku jew mentali) jistgħu jkunu l-kawżi tal-bidu ta' din il-marda. Ftit mill-każijiet tad-d i j a b e t e jistgħu jiġu kkaġunati minn mard tal-pankrejas, mard tal-fwied, ċerti mediċini, u wkoll mit-tqala.

Hemm diversi tipi ta' dijabete. Hemm tip ta' dijabete li tfeġġ fil-ġuvintur u oħra li tfeġġ fil-kbar. Hemm kategorija oħra li tikkonsisti minn nies li għal xi raġuni jew oħra għandhom ċans iktar minn ħaddieħor li jimirdu biz-zokkor. Per eżempju, jekk il-ġenituri jkun t-tnejn morda biz-zokkor jew wieħed mill-ġenituri jkun/tkun ibati/tbati, u l-ieħor/l-oħra jkollu/jkollha din il-mard a fil-familja, it-tfal tagħhom ikollhom iktar ċans li jimirdu b'din il-marda. Mara li twelled tarbija ta' iktar minn għaxar libbri jkollha ċans sabiħ li 'l quddiem tiżviluppa l-marda taz-zokkor. Hemm kategorija oħra ta' nies li għad li huma n o r m a l i meta mhumiex taħt xi stress, meta xi stress jitfaċċa dawn in-nies jidhrilhom iz-zokkor fid-demm.

Is-sintomi ta' din il-marda jistgħu jkunu bosta. Fost dawn insibu l-għatx, it-telqa, nuqqas fil-piż, ħalq niexef, żieda fl-ammont ta' l-urina li wieħed igħaddi matul il-ġurnata u bil-lejl, il-ħakk, eċċ. Xi wħud mill-morda ma jkollhom l-ebda sintomu ta' din il-marda u jindunaw għall-ewwel darba biha meta jittestjaw l-urina u jsibu z-zokkor. Xi ftit mill-pazjenti jippreżentaw b'sintomi ta' xi komplikazzjonijiet ta' din il-marda, u oħrajn (x'aktarx iż-żgħar) jippreżentaw b'mod fulminanti. F'din l-aħħar kategorija l-pazjent ikun marid sewwa u x'aktarx li jkun jirrimetti, igerger b'uġigħ fil-bokka ta' l-istonku, u jkun fi stat ta' nixfa kbira.

Fl-artikolu li jmiss nixtieq inkompli niddiskuti l-komplikazzjonijiet u t-trattamnt ta' din il-marda serja.

Huwa l-ħsieb tal-Bord Editorjali li nifthu taqsima li fiha nxandru l-ittri u l-ilmenti li jibagħtulna l-q a r r e j j a. Għalhekk min ikollu xi suġġeriment li jista' jiswa ta' ġid għar-raħal tagħna għandu jikteb f'dan l-indirizz —
L-Editur,
'Ħal Balzan',
Każin tal-Banda
'San Gabriel',
ĦAL BALZAN.

IL-PJAZZA TIBDA TĦADDAR

minn L.B.

F'dawn l-aħħar ġimgħat rajna tibdil ieħor li ssokta sebbaħ il-Pjazza ta' Ħal Balzan. Qiegħed ingħid għal dik ir-roqgħa ħamrija li qiegħda sewwasew maġenb il-'bus stop'. Sa ftit żmien ilu, din kienet imdawra b'ħajt li kien qiegħed iservi sabiex warajh jintefa' minn kull xorta ta' żibel. Dal-ħajt issa twaqqa' u b'hekk ta wisgħa għal ġardina żgħira li ġiet imdawra b'kurduna ta' filata sabiex tkompli ssebbaħha.

F'din il-b i ċ ċ a ħamrija tħawlet palma, simbolu tal-paċi u kwiet li jħaddan Ħal Balzan, kif ukoll olejandru abjad w aħmar, iż-żewġ ilwien tal-bandiera tagħna. Madwar il-ġardina saret burdura tal-'lantana'.

Ta' dan ix-xogħol inroddu ħajr lill-Onor. Kalċidon Agius M.P. u lill-Kumitat Laburista lokali għall-inizjattiva li ħadu sabiex dan ix-xogħol irnexxa. Nirringrazzjaw ukoll lis-Supretendent tal-Ġonna Pubbliċi għas-siġar u l-pjanti li pprovda. Fl-istess ħin inħeġġu wkoll lill-pubbliku sabiex dan il-post jinżamm nadif.

VALLEY BUTCHER
JOHN PULLICINO
121, VALLEY ROAD, BALZAN
FOR FIRST CLASS MEAT
AND SERVICE
Telephone: 42066

IL-KELMA TAL-KAPPILLAN

Meta johroġ dan in-numru tal-gazzetta tagħna, it-tfal tagħna jkunu jew ġa bdew sena oħra ta' skola, jew waslu biex jibdewha, u jkollhom quddiem għajnejhom u f'moħħhom disa' jew għaxar xhur ta' studju u n-nuqqas ta' libertà li kellhom matul il-vaganzi tas-sajf. Anke aħna l-kbar inkunu b'xi mod bdejna naħdmu b'ritmu aktar qawwi milli matul ix-xhur tas-sajf. Dan, ma għandniex xi ngħidu, ma' l--ewwel daqq ta' għajn, huwa ħaġa li ma togħġobniex, għaliex aħna min-natura tagħna nippreferixxu s-serħan għax-xogħol. Imma jekk inħarsu sewwa lejn id-dinjita' tax-xogħol, u nifhmu kemm ix-xogħol min-naħa tiegħu jinnobilitana, nibdew naraw l-affarijiet aħjar u nirraġunaw aktar.

X'inhuwa x-xogħol? Ħafna jħarsu lejh bħala piż żejjed, bħala xi ħaġa li trid tagħmilha bilfors, trid jew ma tridx. Ikunu qegħdin jitilfu l-vera tifsira tax-xogħol, għaliex iqisuh biss bħala mezz biex jaqilgħu l-flus ħalli jgħixu huma u jitimgħu l-familja tagħhom. Min ma jħoss ebda sodisfazzjon fix-xogħol tiegħu huwa bniedem miskin tassew. Min fid-dar ma jagħmilx ħlief igerger fuq dak li jiltaqa' miegħu fuq ix-xogħol tiegħu, min jipprova juri dejjem u biss in-naħa kerha tax-xogħol tiegħu quddiem uliedu li qegħdin jikbru, ikun qiegħed iħejjihom għal ħajja ta' għażż, ta skartar ta' dmirijiethom, u għalhekk ta' falliment fil-ħajja futura tagħhom. Hemm ukoll stampa oħra ta' dan li qiegħed ngħid. Ħafna jħajjru lil uliedhom biex jaqbdu linja li twassalhom għal xogħol ta' bla tbatija, kif jgħidu huma. Ma rridx ngħid li mhix ħaġa tajba li wieħed jipprova jħajjar lil uliedu jkollhom l-ambizzjoni li javanzaw; anzi kull missier li jisthoqqlu tassew dan l-isem għandu jfittex li jagħmel kulma jista' biex iwassal lil uliedu f'pożizzjoni tajba, basta li jġegħelhom jifhmu li biex jaslu fejn jixtiequ jaslu, iridu jaħdmu u jistinkaw, basta li jdaħħalhielhom sewwa f'rashom li f'kull xogħol li jaqbdu għandhom ifittxu li jkunu ta' ġid, ta' 'servizz' lill-oħrajn, lil pajjiżhom. Sa hawnhekk naqblu; iżda ma nistgħux napprovaw l-idea ta' dawk li jħarsu lejn ix-xogħol li huma jsejħulu "ta' bla tbatija" bħala xogħol eħfef jew aktar dinjituż.

Inħarsu lkoll lejn ix-xogħol li l-Providenza divina tatna nagħmlu bħala mezz li bih ninnobilitaw il-karattru tagħna, insaħħu fina s-sens tad-dmir, inqawwu r-rieda tagħna li nkunu ta' siwi għall-oħrajn. Hekk anke l-aktar xogħol li l-bnedmin taddinja jsejħulu "baxx" jieħu tifsira l-aktar għolja u jgħinna nixbhu lill-Iben ta' Alla stess, li meta kien fid-dinja ma raħiex ħaġa umiljanti li jaħdem b'idejh meta kien hemm bżonn, u li ħadem xogħol tal-moħħ fl-aħħar tliet snin ta' ħajtu.

PAUL VELLA

DRAPPIJIET U LBIESI TAL-PREĊETT,

BLAZERS, KPIEPEL, U UNIFORMIJIET TA' L-ISKOLA

5, MERCHANTS STR., VALLETTA

Tel. C. 26222

Rokna għat-Tfal

Għeżież tfal,

Bħal ħafna parroċċi oħra, ir-raħal tagħna għandu wkoll il-gazzetta tiegħu bl-isem ta' 'HAL BALZAN'.

Għalkemm ma ktibnilkomx mill-bidu tal-ħarġa ta' din il-gazzetta, iżda f'moħħna dejjem kellna l-ħsieb li nħallu rokna għalikom. B'hekk intom ukoll tinteressaw ruħkom li meta taslilkom il-gazzetta d-dar taqrawha wkoll.

F'din l-ewwel kitba tiegħi xtaqt inkellimkom fuq dak li intom ukoll, bħal tfal ta' nazzjonijiet oħra, tistgħu tagħmlu biex issebbħu l-parroċċa tagħna ta' Hal Balzan.

Belt jew raħal l-iktar li jsebbħuhom mhumiex il-vilel jew ġonna iżda l-imġieba tajba tan-nies, bejniethom u ma' l-oħrajn. Per eżempju, jekk aħna noqogħdu f'dar mill-isbaħ u mdawra bi ġnien kollu fjuri, imma l-ġirien tagħna huma nies ġellidin u t-tfal tagħhom jittantaw lil kulħadd, żgur li ma nkunux kuntenti.

Jekk xi turisti jiġu jitgħaxxqu bil-ġmiel tal-ġonna, speċjalment f'Sant' Anton, u fit-triqat ta' Hal Balzan jiltaqgħu ma' xi tfal jiġġieldu, jitfgħu l-ġebel lil xulxin, jew li jżommu ruħhom maħmuġin, żgur li jitilfu kull stima lejn il-parroċċa tagħna u jmorru f'pajjiżhom jitkażaw bina.

Għalhekk intom, t f a l, għandkom id-dmir li ġġibu ruħkom sewwa mhux biss fid-dar imma wkoll fit-triqat jew f'postijiet oħra fejn tkunu. L-imġieba edukata tagħkom tagħmilkom maħbubin minn kulħadd u sservi ta' l-isbaħ tiżjin fir-raħal tagħna.

Għall-grazzja t'Alla, f'Hal Balzan minn dejjem kien hawn tfal li jagħtuk pjaċir, tfal indaf u puliti, tfal li jħobbu l-knisja u l-iskola. Imma, bħal ma jiġri dejjem, mat-tajjeb issib ukoll xi ftit ħażin. Il-ħasra hi li dak il-ftit ħażin bosta drabi jidher wisq aktar mit-tajjeb.

Għalhekk, għeżież tfal, meta tiġi f'darkom il-gazzetta 'HAL BALZAN' qisu li taqrawha, speċjalment f'dak li jmiss lilkom. Bħala ħabib kbir tagħkom, dejjem infittex li f'dak li niktbilkom nipprova dejjem ngħallimkom kif tkunu tfal bil-għaqal, tfal edukati, tfal tajba u li tagħmlu unur mhux biss lill-parroċċa tagħna imma lil art twelidna.


KOMPETIZZJONI BIL-PREMJU

Tfal,

Minn din il-ħarġa tal-gazzetta tagħna se nibdew inxandru kompetizzjoni għat-tfal kollha ta' Hal Balzan li għadhom ma għalqux is-16-il sena. Il-premju għal kull kompetizzjoni se jkun ta' nofs lira (jew 50 ċenteżmu).

Fil-ħarġa ta' did-darba, għandkom tisliba ħafifa li t-tweġibiet kollha tagħha għandhom x'jaqsmu b'xi mod jew ieħor ma' Hal Balzan. Meta tkunu mlejtuha kollha, minn fuq s-isfel tat-tisliba fil-kaxxi mmarkati b'iswed skur għandkom taqraw kelma li għandha rabta speċjali mar-raħal tagħna. Għandkom ħila ssibu —

(a) it-tweġibiet kollha tat-tisliba;
(b) il-kelma speċjali?



1. Qaddis martri magħruf ħafna f'Hal Balzan.
2. L-isem ta' post ta' divertiment f'Hal Balzan u li llum sar magħruf ma' Malta kollha.
3. Il-kunjom ta' wieħed mill-kappillani ta' Hal Balzan li wkoll insibu triq imsemmija għalih.
4. Ix-xahar li fih il-Knisja tiċċelebra l-proprja festa tal-Lunzjata.
5. Minn dawn, Hal Balzan għandu tlieta mibnijin ħdejn xulxin.
6. Skond il-motto ta' Hal Balzan, ir-raħal tagħna huwa mdawwar bihom minn kullimkien.
7. Kunjom popolari ħafna f'Hal Balzan.
8. Ir-raħal ,jew belt, li minnu Hal Balzan infired biex sar parroċċa għalih.

Ibagħtu t-tweġibiet tagħkom f'dan l-indirizz —

Is-Sur Carmel Bezzina,
11, Triq San Valentinu,
Hal Balzan.

(Nota: Mat-tweġiba, tinsewx tniżżlu wkoll l-isem u l-indirizz, flimkien ma' bolla mhix użata ta' 2 ċenteżmi. Jekk ikun hemm aktar minn tweġiba waħda tajba il-premju jittella' bil-polza. Għandkom żmien sas-Sibt, 28 t'Ottubru, 1972).

"IL-MARA IDEALI TA' L-EWROPA"

Aħbar li, mingħajr l-ebda dubju, imliet lil kulħadd bil-ferħ kienet dik li din is-sena l-konkors "Mara Idejali ta' l-Ewropa" intrebaħ minn mara Maltija. Kienet aħbar ta' ferħ minħabba l-fatt li, kull ma jmur, qegħdin naraw 'il-Mara Maltija titħarreġ u takkwista ċerta mportanza fis-soċjeta', u wkoll tikkompeti ma' nisa ta' pajjiżi oħra akbar minna u fl-istess ħin turi ruħha daqshom u, f'xi ħwejjeġ, aħjar minnhom ukoll. Għalina, in-nies ta' Hal Balzan, huwa wkoll ta' sodisfazzjon li l-"Mara Idejali ta' l-Ewropa",li hija s-SINJURA GRACE STILON, toqgħod fir-raħal tagħna. U għalhekk rajniha ħaġa xierqa li nagħmlulha intervista żgħira u b'hekk nintroduċuha mal-poplu kollu ta' Hal Balzan.



Is-Sinjura Grace Stilon twieldet Birkirkara u ħadet l-edukazzjoni tagħha f'"St. Joseph's High School" fil-Belt Valletta. Sa miċ-ċokon tagħha, Grace interessat ruħha f'diversi attivitajiet kulturali u edukattivi; illum, li s-Sinjura Stilon hija miżżewġa u għandha 32 sena, il-"hobbies" ewlenin tagħha huma l-mużika operistika u l-arti impressjonista.

Meta staqsejniha x'taħseb li kienet ir-raġuni li għaliha ġiet magħżula sabiex tirrappreżenta 'l Malta fil-konkors ta' Montecatini, is-Sinjura Stilon qaltilna li billi kienet hija r-rebbieħa fil-kompetizzjoni li ġiet organizzata hawn Malta, kompetizzjoni li hija ddeskriviet bħala "iebsa ħafna", mess lilha li tieħu sehem fil-konkors "Mara Idejali ta' l-Ewropa".

Il-konkors kien jiġbor fih diversi ħwejjeġ — tisjir, rakkmu, arranġament tal-fjuri, 'cocktail', kultura, 'current affairs', u wkoll is-sejba taddifetti f'mejda armata. F'dawn it-taqsimiet kollha s-Sinjura Stilon marret tajjeb ħafna, u rnexxielha tiġi l-ewwel fit-tisjir, fil-'cocktails', u fit-taqsima tat-'table errors'.

Kif qaltilna s-Sinjura Stilon infisha, fil-konkors kien hemm jieħdu sehem 'żwiemel' mill-Ewropa kollha, u għalhekk il-għażla tagħha bħala l-"Mara Idejali ta' l-Ewropa" kienet sorpriża għaliha, għaliex, kif dejjem jiġri meta tieħu sehem f'kompetizzjoni, għalkemm tkun taf li għandek ċans tirbaħ, jekk tirbaħ tissorprendi ruħek żgur.

Għall-mistoqsija tagħna jekk għandhiex xi kelma xi tgħid lin-nisa Maltin, is-Sinjura Stilon weġbitna li hija tħoss din ir-rebħa tagħha fil-konkors mhux biss ta' unur għaliha nfisha imma wkoll għal Malta, u fuq kollox għall-Mara Maltija. Il-Mara Maltija, li minn dejjem kien hawn opinjoni tajba tagħha, issa tat prova li tabilħaqq hija mogħnija b'ħafna kwalitajiet sbieħ li, meta żviluppati, jagħmluha toqgħod fejn nisa oħra u tikkompeti magħhom.

Aħna, f'isem il-'Kunsill Ċiviku — Balzan', nifirħu lis-Sinjura Grace Stilon għal dan l-unur li kisbet, u għal din l-intervista li għoġobha tagħtina. Jalla r-rebħ ta' dan l-unur minn mara Maltija jservi ta' inċentiv għan-nisa Maltin kollha sabiex jaqdu dmirijiethom dejjem aħjar u jagħmlu ħilithom kollha fix-xogħol tagħhom.

Il-Mara Maltija jeħtieġ issir taf iktar "tħobb lil kulħadd, tipprova tifhem lil kulħadd, u tkun taf tgħix ma' kulħadd". Din hija r-riċetta li tat is-Sinjura Stilon lin-nisa kollha f'intervista li hija kellha fuq ir-Radju Taljan hekk kif ħadet l-aħbar li hija ġiet magħżula l-'Mara Idejali ta' l-Ewropa'.

ĠUBLEW TAL-FIDDA

TAR-REV. KAN. CARMELO SCIBERRAS

KAPPILLAN TA' HAL BALZAN

MINN NHAR IL-HADD, 10 TA' SETTEMBRU, SAS-SIBT, 16 TAX-XAHAR, INŻAMMU FIL-PARROĊĊA L-FESTI TAL-ĠUBLEW TAL-FIDDA TA' L-ORDINAZZJONI SAĊERDOTALI TAR-REV. KAN. CARMELO SCIBERRAS, KAPPILLAN TA' HAL BALZAN.

Il-festi bdew il-Hadd filghaxija meta, fil-5.15 p.m., ir-Rev. Kappillan hareġ mid-dar tiegħu, imsieheb mill-parrinijiet u l-familjari tiegħu, u ġie akkumpanjat sal-Knisja Parrokkjali b'korteo tal-Ghaqdiet kollha tal-Parroċċa, reliġjużi u profani. Fil-5.30 p.m. harġet il-Quddiesa kantata solenni ta' radd il-hajr imqaddsa mill-Kappillan, assistit mill-Kleru tal-Parroċċa. L-omelija saret mir-Rev. Mons. Mikiel Azzopardi.

Ewwel Tqarbina, imsehbin mill-ġenituri taghhom, u akkumpanjati mit-tfal l-ohra tal-Ghaqdiet, telqu f'korteo minn hdejn il-Knisja ta' Santa Marija sal-Knisja Parrokkjali fejn, fis-6.30 p.m., ġiet iċċelebrata l-Quddiesa. Haġa tassew sabiha f'din l-okkażjoni kienet li waqt l-Offertorju, flimkien ma' l-offerti tas-soltu, ġew offerti wkoll żewġ kaxex 'toys' moghtijin mit-tfal lill-Kappillan sabiex huwa jqassamhom lit-tfal morda tal-Parroċċa.

jali tal-Parroċċa ma' wahda mill-hnejjiet ewlenin li fuqhom jistrieh il-bini kollu. Imbaghad is-Sinjorina Giaconda Xuereb offriet lir-Rev. Kappillan bukkett fjuri f'isem il-membri kollha.

Id-diskors ta' l-okkażjoni sar mis-Sur Guido Borg. Huwa beda biex qal li huwa jhossu ferm onorat li ġie maghżul hu sabiex jaghmel dan id-diskors, "ghax b'hekk ġew moghtija lili l-unur u l-opportunità... li nuri min hu veru l-President taghna, nuri sewwa lilkom il-karattru mohbi tiegħu, li jien ghandi x-xorti nkun wiehed minn dawk li jafuh sewwa". Huwa wera li l-Kan. Carmelo Sciberras mhuwiex bniedem li hadem biss fil-qasam spiritwali tal-hajja ta' Hal Balzan, imma wkoll f'dak ċiviku u soċjali. Is-Sur Borg issokta hekk:

"Huti membri, hafna minn-



Membri u ex-membri tal-Kunsill Ċiviku-Balzan flimkiem mal-Kappillan u l-Kleru tal-Parroċċa.

Fiha huwa wera l-kobor tas-saċerdozju u fisser fit-tul il-htieġa tas-servizz pastorali imwettaq mis-saċerdot fil-komunita' nisranija.

Fl-ahharnett, Mons. Azzopardi awgura lill-Kappillan kull ġid u hena spiritwali fil-hidma tiegħu saċerdotali. Wara l-Quddiesa tkanta 'Te Deum' ta' radd il-hajr lil Alla ghal kull ma ghoġbu jaghmel mal-Kappillan tul dawn il-25 sena tiegħu bhala saċerdot. Iċ-ċerimonja ntemmet bil-bews ta' l-idejn mill-kleru u mill-fidili kollha bhala sinjal ta' qima.

It-Tnejn, it-Tlieta, u l-Erbgha, mbaghad, il-Kappillan qaddes fit-tliet kunventi tas-Sorijiet li ghandna fil-Parroċċa, jiġifieri fl-Istitut tal-Bon Pastur, ghand is-Sorijiet Franġiskani ta' Marija, u ghand is-Sorijiet tal-Karita'. F'dawn it-tlett ijiem ukoll huwa żar il-morda tal-Parroċċa fi djarhom u filghaxija, mill-5.00 p.m. 'il quddiem, huwa laqa' f'daru lil dawk kollha li xtaqu jmorru jifirhulu.

Nhar il-Hamis, 14 tax-xahar, saret l-Ewwel Tqarbina tat-tfal mill-Kappillan. It-tfal ta' l-

Il-Ġimgha, fis-7.15 p.m. saret laqgha tal-Ghaqdiet reliġjużi u profani tal-Parroċċa mal-Kappillan fis-Sala Parrokkjali, organizzata mill-Kunsill Parrokkjali. Il-laqgha bdiet b'kelmtejn ta' introduzzjoni minn Dun Ġwann Dimech, President ta' l-istess Kunsill. Imbaghad, is-Sur Victor Tortell, Segretarju, ghamel diskors qasir li fih wera r-responsabbilta' tal-Kappillan bhala kap spiritwali tal-Parroċċa u heġġeġ sabiex indarru lit-tfal sa miċ-ċokon taghhom iġibu rispett lejn is-saċerdot. Wara, ghamel kelmtejn ta' ringrazzjament il-Kappillan innifsu. Il-laqgha ntemmet b'riċeviment b'ġieh il-Kappillan.

Laqgha mill-Kunsill Ċiviku

Nhar is-Sibt, 16 ta' Settembru, saret laqgha fil-Każin tal-Banda 'San Gabriel', organizzata mill-Kunsill Ċiviku — Balzan, b'ġieh il-Kappillan, President ta' l-istess Kunsill Ċiviku. Il-laqgha bdiet b'indirizz tal-ftuh mis-Sur Victor Delicata, Viċi-President tal-Kunsill. Is-Sur Delicata xebbah 'il Kappillan fil-hajja spiritwali u soċ-

kom jafu lill-Kappillan bhala membru u President ta' dan il-Kunsill. Jarawh quddiemhom biss fil-laqghat ġenerali li huwa jmexxi b'tant ghaqal u hila. L-impressjoni li hadu tiegħu żgur li hija l-istess wahda li ha l-Imhallef Caruana Curran, meta ġie jżur Hal Balzan bhala membru fil-ġurija tal-konkors ta' l-isbah belt jew rahal. Dak inhar niftakar li qal dawn il-kelmiet: 'Dan hu l-fulcrum li fuqu jdur kollox'. U hekk hu, ghax il-Kappillan mhux ghajr il-fus li mhux biss imexxi 'l ta' warajh iżda wkoll hafna drabi jiehu t-taghbija kollha wahdu — taghbija li lkoll tafu li mhix hafifa ghax torbot maghha t-tmexxija spiritwali, materjali, u soċjali ta' Hal Balzan, il-pajjiż li huwa t-tieni dar tiegħu u li hu habb tassew minn qalbu, u ta' dan mhux biss xhud intom u jiena imma hidmietu kollha kemm hi."

Is-Sur Borg qal ukoll li "l-Kappillan minn dejjem kellu x-xewqa li jara jitwaqqaf Kunsill Ċiviku ġo Hal Balzan", u meta l-Każin 'San Gabriel' issuġġerixxa t-twaqqif ta' dan il-Kunsill "il-Kappillan malajr offra lilu nnifsu sabiex ikun ir-rappreżentant tal-Kleru fuq il-Kunsill. Sa mill-bidu nett huwa beda jahdem u joffri hinu u flusu biex jara l-Kunsill miexi 'l quddiem. Is-suġġerimenti tiegħu malajr bdew jiġu aċċettati mill-membri li ta' spiss kienu jhallu f'idejh xi attivitajiet li kien sejjer jorganizza l-Kunsill, ghax il-membri dejjem kienu żguri li huwa kien jaghmel kull ma jista' sabiex jarahom isehhu." Il-kelliemi temm id-diskors tiegħu hekk:

"Huti membri, dan huwa l-President taghna, bniedem li żgur kien jaghmel suċċess fi kwalunkwe professjoni li kien jaghżel. Fortunatament ghalina huwa ghażel dik tas-saċerdozju u f'din l-okkażjoni hekk sabiha li fiha qieghed jiċċelebra gheluq il-25 sena mill-Ordinazzjoni tiegħu nixtieq minn qalbi nheġġu sabiex jibqa' jahdem bl-istess pass u sodizza bhalma hadem qabel, bl-istess ghaqal u hila ghaliex hidmietu żgur li tibqa' fostna u ghemilu jaghti xhieda tal-karattru ġenwin tiegħu."

Wara d-diskors ta' l-okkażjoni, is-Sur Carmel Bezzina B.A. (Gen.), Segretarju tal-Kunsill Ċiviku, offra rigal lir-Rev. Kappillan miġbur mill-membri. Fl-ahharnett, il-Kappillan ghamel kelmtejn ta' gheluq li fihom heġġeġ 'il membri kollha sabiex nahdmu lkoll id f'id ghall-ġid tar-rahal taghna. Wara trattament ċkejken ghall-unur tal-Kappillan, il-laqgha ntemmet b'ċapċipa.

Ghal din il-laqgha, minbarra l-membri, kienu mistiedna wkoll l-ex membri kollha kif ukoll il-kleru tal-Parroċċa.

TALENT BALZANI F'WIGMORE HALL

Maria Vella, pjanista żaghżugha, ghadha kemm waslet minn Londra fejn, flimkien ma' l-artisti Freddie Mizzi, Giulietta Bisazza, u Simone Camilleri, irrappreżentat lil Malta f'festival ta' l-arti li sa[r] f'Wigmore Hall ġewwa Londra.

Maria, li hija l-iżghar fo[st] il-grupp Malti, twieldet f'Ha[l] Balzan fl-1952. Hija hadet l[-] edukazzjoni taghha l-ewwe[l] fil-Kunvent tas-'Sacred Hear[t]' u aktar tard fl-Universita Rjali ta' Malta. Hija temme[t] l-istudji taghha din is-sen[a] fejn hadet il-grad ta' B.A. (Hons). fl-ilsien Ingliż.

Il-mużika minn dejjem kienet ghal qalb Maria. Bdie[t] tistudja l-pjanu minn met[a] kienet ghadha żghira, u f[l-]

Is-Sinjorina Maria Vella

1970 hadet L.R.S.M. (pjanu). Kellha l-opportunita turi t[-] talent taghha f'diversi okkażjonijiet, fl-Istitut Kattoliku, fil-'British Council', u fil-'Phoenicia Hotel'. Fl-1970 hij[a] rebhet borża ta' studju fl-'Accademia di Santa Cecilia' f'Ruma, u hemm setghet tkabbar l-esperjenza mużikali taghha.

Ahna nifirhu minn qieg[h] qalbna lil Maria u nixtiqulh[a] kull suċċess ghall-futur. Nin[ta]sabu mkabbrin hafna b'din it[-] tfajla li mhux biss qed tagh[mel] isem ghaliha, iżda wko[ll] qed taghmel ġieh lil Ha[l] Balzan.

XERRDU IL-ĠURNAL HAL BALZAN

Elite MENSWEAR
of South Street, Valletta
DRESS WEAR HIRE SERVICE FOR FASHIONABLE WEDDINGS AND SPECIAL OCCASIONS
We sell clothes too!
IN FACT WE ARE
THE EXCLUSIVE CENTRE FOR MENSWEAR
JRP